9 ta' Novembru, 1949.
Imħallef:
L-Onor. Dr. A.V. Camilleri, B.Litt., LL.D.
Emmanuele Borg *versus* Anna Borg

## Dota — Restituzzjoni.

*Meta jinħall iż-żwieġ hemm lok għar-restituzzjoni tad-dota; u hemm lok għal dik ir-restituzzjoni anki meta l-miżżewġin jinfirdu legalment biż-żoljiment tal-komunjoni ta' l-akkwisti bħala konsegwenza tal-firda, u f'każijiet oħra, bħal ma huwa dak tas-separazzjoni tal-beni pronunzjata b'sentenza.*

*Ir-restituzzjoni tad-dota għandha tkun kompleta; imma r-raġel mhux obligat jirrestitwixxi l-valur ta' dawk il-beni dotali li jkunu ġew mibjugħa għall-bżonnijiet rikonoxxuti mill-imħallef, jew li jkunu ġew konsumati għal dawk il-bżonnijiet, kemm il-darba r-raġel ma jkunx baqagħlu f'idejh xi bilanċ residwali ta' l-oġġetti hekk distratti, jew ma jkollux risorsi mnejn jirrestitwixxi dak il-valur.*

Il-Qorti, — Rat iċ-ċitazzjoni, li biha l-attur talab li, wara li jingħataw id-dikjarazzjonijiet u l-provvedimenti kollha meħtieġa, billi l-kontendenti jinsabu mifrudin b'sentenza mogħtija minn din il-Qorti fl-10 ta' Ottubru 1946, iżda l-konvenuta ġiet intitolata għar-restituzzjoni tad-dota li hija ġiebet b'kuntratt pubblikat minn Nutar Enrico Saydon fit-2 ta' Awissu 1937 (dok. A); u billi huwa għandu interess li jeħles mill-obligu fuq imsemmi u jottjeni l-kanċellament ta' l-ipoteka relattiva għall-imsemmija dota; u billi l-biċċa l-kbira mill-oġġetti ta' l-istess jinsabu f'idejn il-konvenuta, iżda hija qatt ma riedet tiġi għal-likwidazzjoni ta' l-istess dota; prevja, jekk hemm bżonn, il-likwidazzjoni tal-komunjoni ta' l-akkwisti li saru bejn il-kontendenti u d-diviżjoni tagħhom skond il-liġi, jiġu likwidati l-oġġetti jew il-valur tagħhom, kif ukoll il-flus lilha dovuti bħala dota, u minnhom jitnaqqsu l-ammonti talvolta dovuti lill-attur skond il-liġi, u konsegwentement jiġu

nominati mhux biex jirċievi l-att relativ u kuratur biex jirrappreżenta lill-kontumaċi; bl-ispejjeż, kompriżi dawk ta' l-ittra uffiċjali tat-18 ta' Settembru 1947, kontra l-konvenuta;

*Omissis;*

Tikkunsidra;

*Omissis;*

Illi mis-sentenza tal-10 ta' Ottubru 1946, mogħtija fuq l-att taċ-ċitazzjoni numru 478/1944 fl-ismijiet "Emmanuele Borg vs. Anna Borg", jirriżulta illi s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti ġiet pronunzjata għal ħtijiet gravi tat-tnejn u għall-adulterju tal-konvenuta, u bħala konsegwenza ġie maqtugħ li ż-żewġ partijiet kellhom jiġu dikjarati dekaduti mid-drittijiet kontemplati taħt id-dispożizzjonijiet ta' l-artikoli 56 u 58 tal-Kodiċi Ċivili u li tiġi maħlula l-komunjoni ta' l-akkwisti bil-kondizzjoni li fl-attur jispiċċaw il-jeddijiet tiegħu għall-akkwisti li wara l-firda tagħmel l-istess martu, u sar bħas-soltu r-regolament dwar it-tfal komuni, salva r-riżerva tal-likwidazzjoni u qasma tal-komunjoni ta' l-akkwisti; u dwar il-kap ta' l-ispejjeż ġie deċiż li għandhom jinqasmu nofs kull wieħed bejn il-kontendenti;

Illi fl-10 ta' Ottubru 1946, fuq l-att taċ-ċitazzjoni numru 75/1945 fl-ismijiet "Anna mart Emmanuele Borg vs. Emmanuele Borg", din il-Qorti ddeċidiet ukoll billi laqgħet it-talba attriċi għas-separazzjoni personali, billi l-konvenut (f'dik il-kawża) irrenda ruħu ħati ta' adulterju, minaċċi, eċċessi, sevizzji u ingurji gravi, u l-għaliex ġie kundannat għal delitt punibbli bil-lavuri furzati għal żmien mhux anqas minn sena; kif ukoll it-talba sabiex l-attriċi (f'dik il-kawża) tkun awtorizzata tgħix separatament minn żewġha għal ħtijiet tat-tnejn, u ċaħdet lill-attriċi mit-talbiet l-oħra, bil-fakoltà li tara t-tfal, wara li għamlet riferenza għall-kawża preċedenti; u dwar l-ispejjeż qasmithom nofs kull wieħed bejn il-kontendenti;

Tikkunsidra;

Illi wara li ntqal dan li ġie fuq premess, jingħad li l-konvenuta bil-kitba taż-żwieġ............... ħadet bħala dota s-sostanzi mobili u flus hawn taħt imsemmijin, u ċjoè.......... ... B'kollox ħadet £156. 0. 0;

*Omissis;*

Illi m'hemmx bżonn jingħad li skond id-dottrina rumana, "soluto matrimonio quemadmodum dos petatur" (Dig. L. 2 solut. matrim.), jew aħjar "soluto matrimonio solvi mulieri dos debet" (ara ċ-ċitazzjoni fuq imsemmija); u dan huwa l-każ ukoll meta l-miżżewġin ċivilment jiġu separati bix-xoljiment tal-komunjoni ta' l-akkwisti bħala konsegwenza tal-firda, kif ukoll fil-każijiet l-oħra barra l-mewt ta' wieħed mill-konsoċjati fiż-żwieġ, bħal ma huwa l-każ tas-separazzjoni ta' beni pronunzjata b'sentenza. Del resto, dana huwa konnaturali għall-firda; l-għaliex jekk huwa minnu li d-dota tiġi mogħtija jew maħluqa għalbiex il-miżżewġin isostnu l-piżijiet taż-żwieġ, meta ma jibqgħux in komuni tiċċessa l-kawża tad-dota, u konsegwentement għandu jiċċessa u jisplièèa l-effett — "cessante causa cessat effectus";

Illi in tema ġenerali jingħad ukoll illi, malli l-miżżewġin ma jibqgħux, skond u in forza tal-liġi flimkien, ir-restituzzjoni tad-dota trid tkun kompleta; u dina r-restituzzjoni tabbraċċja dak kollu li r-raġel ikun irċieva, u ċjoè immobili, mobili, flus dotali, krediti et cetera, bla ebda eċċezzjoni għal dak li jkun irċieva bħala dota; anzi dina r-responsabilità tiegħu titnissel mill-fatt biss tal-kostituzzjoni ta' l-istess dota. Fi ftit kliem, id-dota, kif jgħid it-Troplong (Del Matrimonio, paragrafu 3614), hija depożitu ta' l-affarijiet dotali, li għandhom ikunu fedelment u onestament imreġġgħin lura;

Jingħad però illi r-raġel miżżewweġ, jekk mill-banda l-waħda għandu jirrestitwixxi l-ħwejjeġ dotali, jew il-prezz tagħhom jekk jagħmel xi alienazzjonijiet "constante matrimonio", mill-banda l-oħra huwa ma għandux jirrendi l-valur ta' dak li jkun ġie mibjugħ għal bżonnijiet rikonoxxuti mill-imħallef u li jkunu ġew konsumati sabiex jiġu sodisfatti dawk il-bżonnijiet (ara Troplong, Op. cit., paragrafi 3455 u 3617). Dina d-dottrina ġiet aċċettata fil-każ però li r-raġel miżżewweġ in kwistjoni jkun nieqes minn risorsi personali u kemm il-darba, meta jasal ix-xoljiment taż-żwieġ, ma jkunx baqa' f'idejh xi bilanċ residwali; l-għaliex intqal mill-awtoritajiet favorevoli għalilha illi l-alimenti huma debitu wkoll proprju tal-mara, u hija ma għandhiex dritt tirripeti, jew aħjar il-mara ma għandhiex iddaħħal lura, dak il-kreditu meta tkun ħarġitu għall-istess kawża;

Jibqa' li ngħad li taħt il-kelma "alimenti" ma jidħolx biss dak li jservi għall-għajxien, imma jidħlu wkoll il-ħwejjeġ ta' lbies u l-abitazzjoni (ara Digesto, L. 6 de alim. vel cib. legat.), ir-rimedji indispensabili meħtieġa għall-ħajja (ara Dig. L. 45 de usufr.), kif ukoll l-ispejjeż neċessarji għall-edukazzjoni tat-tfal (ara Merlin, Repertorio, vuċi Pensione, u Digesto L. 6 de alim. vel. cib. legat.);

Mill-jidher, il-Qorti ta' l-Appell Tagħna aċċettat dina t-teorija, l-għaliex irritteniet u ħasbet illi jekk fil-każ ta' immobili dotali, fejn skond il-liġi tagħna hija meħtieġa l-awtorizzazzjoni tal-Qorti tal-Ġurisdizzjoni Volontarja biex isir il-bejgħ tagħhom, dana li ntqal fuq huwa aċċettat mill-awturi "in subjecta materia", kemm aktar u b'kunsens akbar għandha dik l-istess teorija tiġi milqugħa għall-bejgħ tal-mobili dotali (bħal ma huma l-flus), fejn għall-bejgħ tagħhom mhix rikjesta dik l-awtorizzazzjoni ta' l-imħallef (ara Appell 15 ta' April 1929 in re "Michelina Bonello vs. Giuseppe Bonello"). M'hemmx bżonn jingħad li l-Qorti ta' l-Appell tagħna aċċettat dik it-teorija subordinatament għall-fatt li r-raġel miżżewweġ ikun nieqos mir-riżorsi personali u li ma jkollux f'idejh residwi ta' bilanċi rikavati minn dak l-istess bejgħ;

Jingħad però wkoll li l-istess Qorti ta' l-Appell tagħna, fuq li qalet dina l-Qorti (ara Prim'Awla Civili 18 ta' Frar 1931, in re "Micallef vs. Micallef", Vol. XXVIII — II — 39, u Appell 28 ta' Frar 1934 fl-istess ismijiet fuq imsemmija, Vol. XXVIII — I — 546), irriteniet illi l-art. 1339 tal-Kodiċi Civili ma jagħmel ebda distinzjoni bejn l-aljenazzjonijiet tal-mobili dotali magħmula fl-interess tal-mara jew favur badd ieħor, dwar li l-istess għandhom jiġu fil-valur tagħhom ritornati mir-raġel miżżewweġ meta jiġu mibjugħa taħt dawk iċ-ċirkustanzi f'dak l-artikolu msemmija (ara wkoll Kummerċ 23 ta' Frar 1903, in re "Hammer ne. vs. Friggieri et.", Vol. XVIII, P. III, paġ. 7 u ta' wara);

Dawn iż-żewġ teoriji fil-ġurisprudenza tagħna jingħad fil-ħsieb ta' dina l-Qorti, jistgħu jiġu konċiljati fuq il-konsiderazzjoni li jekk di regola r-raġel miżżewweġ għandu jirritorna indistintament u fi kwalunkwe każ il-valur tad-dota mobili li tinbiegħ minnu jew bil-kunsens tiegħu waqt iż-żwieġ, daka r-ritorn mhux impost meta huwa jipprova li huwa biegħha

l-għaliex ma jkollux riżorsi personali, u meta jasal iż-żmien għar-restituzzjoni ma jkollux bilanċi minnha, jew minn fejn għandu u jista' jirritornaha;

Tikkunsidra;

Illi wara li ġew esposti dawna l-prinċipji legali, dina l-Qorti sejra tgħaddi għal-likwidazzjoni mitluba u konsegwenti assenjazzjoni wara li teżamina l-provi riżultati;

*Omissis;*

Għal dawna r-raġunijiet;

Taqta' u tiddeċidi, wara li tilqa' l-perizja fejn taqbel ma' dina d-deċiżjoni u tiċħadha fejn ma taqbelx, billi tillikwida d-dota dovuta lil-attriċi għas-somma ta' £124. 10. 0, u l-komunjoni ta' l-akkwisti bejn il-kontendenti għal £101. 10. 0; kif ukoll tiddikjara li l-komunjoni hija assorbita mid-dota, li għandha tikkonsegwixxi l-konvenuta, b'mod li hija jibqgħalha, wara l-iżżomm bhala tagħha l-oġġetti msemmijin fil-korp ta' dina s-sentenza, tal-valur ta' £71. 10. 0, bħala li ħadet diġà minn għand l-attur..............; u għall-finijiet tal-publikazzjoni ta' l-att ...................;

L-ispejjeż jingħabru u jitħallsu nofs kull wieħed bejn il-kontendenti.